# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' NOVEMBRU 2001**

**Avviz Nru 1842/98DM**

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijieta tal-assikurat taghha Joseph Muscat sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Muscat**

**Vs**

**Daniel Agius**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundannah sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm298.21)

rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tal-11 ta' Novembru, 1997, gewwa Dingli, bejn il-vettura numru BBH 052 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru EAG 457 misjuqa minn Joseph Muscat u propjeta tal-istess Joseph Muscat, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal- ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 1998, u dawk tal- ittra ufficjali kontra l-ssikurazzjoni tieghu kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut, li gie  ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Daniel Agius fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fat u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli l-istess attur Joseph Muscat stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 1999 u tat-23 ta' Marzu 2000 fejn il-konvenut jiddikjara li mhux qed

jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilta

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni bejn l-attur Joseph Muscat u l-konvenut grat meta Joseph Muscat kien qieghed isuq bil-vettura tieghu mit-Triq Guze Ellul Mercer f'Had Dingli u kellu vetturi pparkjati kemm fuq in-naha tal-lemin kif ukoll fuq in-naha tax-xellug. Fuq in-naha tax-xellug kellu l-van tal-konvenut ipparkjat.

Billi kienet geja vettura ohra mid-direzzjoni opposta, Joseph Muscat l-attur, kellu bil-fors jigbed fuq ix-xellug tieghu pero li jiskapola lill-van ipparkjat tal-konvenut. Sa hawnhekk il-kontendenti jaqblu.

L-attur insegwitu jallega illi meta huwa kiser fuq ix-xellug tieghu meta qada minn mal-van ipparkjat tal-konvenut dan il-van mexa l-quddiem b'rizultat illi n-naha ta' quddiem tal-lemin tal-van intlaqtet il-vettura tieghu fuq il-gemb tax-xellug.

Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi kien kalkolu hazin tal-attur Joseph Muscat illi kkawza l-kollizzjoni illi meta dan lewa ghal fuq ix-xellug tieghu meta ra karrozza geja mid-direzzjoni opposta huwa laqghet il-van tal-konvenut li kien ghadu pparkjat kif kien minghajr ma iccaqlaq biex b'hekk saret il-habta.

Il-Qorti ghalhekk ghandha l-kompitu li taraf liema minn dawn il-zewg verzjonijiet hija dik li tispira l-iktar fiducja u li ghandha tigi accettata minnha.

Il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet tal-attur u tal-konvenut illi kienu wehedhom fil-vettur respettiva taghhom dak in-nhar tal-incident u fl-okkorrenza illi dahlet WPS 95 Jeanne Farrugia dwar l-incident liema okkorenza tinsab afol 34 (tal-process).

Minn dina l-okkorenza jirrizulta illi l-konvenut oltre dak illi xehed fl-udjenza kien iddikjara a tempo ad debito illi kien qata' il-van 'free', sia kien nehha l-van minn 'on gear'. Izda din ic-cirkostanza wieheda anke meta wiehed jikkonsidra illi l-konvenut kien ammetta wkoll illi kellu digia l-magna startjata, ma twassalx ghal prova sufficjenti biex din il-Qorti tista tikkonkludi serenament illi l-konvenut kien effettivament mexa anke f'razzjoni ta' metru il-quddiem, infatti fid-deposizzjoni tieghu l-istess konvenut iddikjara illi nonostante li kellu il-magna

startjata kien ghadu ma dahalx il-'car on gear' u kien innota bil-prezenza tal-attur fit-triq gej minn warajh, u stqar ukoll illi issospetta mill-ewwel illi l-attur ma kienx ser jirrnexxi ghal kollox bil-manuvra ta' sorpass li kien ser jghamel.

Inoltre il-manuvra ammessa tal-attur ma kienitx wahda suggerita mic-cirkostanzi tal-kaz meta jirrizulta illi kien ikun iktar ghaqqli ghall-attur illi jistenna wara l-van tal-konvenut lill-vetturi provenjenti mid-direzzjoni opposta milli jghamel il-manuvra li ghamel illi waslitu biex jghadi vicin hafna tal-van tal-**konvenut/attur** jekk mhux a direttura , illi jhokk maghha.

Ghaldaqstant issib illi l-provi prodotti mill-attur ma humiex sufficjenti biex din il-Qorti tista' serrenament issib htija tal-konvenut u ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

Magistrat Dr D Montebello BALLD

A. Farrugia

Dep.Reg.

Civil 25